**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 6 ta' Novembru, 2019**

**Rikors nru: 79/14 AGV**

**AB**
**vs**
**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fil-15 ta' April, 2014 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi permezz ta' Ittra numru 1334/13 BOB prezentata fit-13 ta' Settembru, 2013 l-esponenti talbet lir-Registratur ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex jibda l-proceduri opportuni bil-ghan li l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni

tal-Familja) tawtorizzaha tipprocedi ghas-separazzjoni personali kontra l-intimat zewgha CB, quddiem il-Qorti kompetenti, liema talba giet segwita b'solitu medjazzjoni u liema medjazzjoni inghalqet minghajr ezitu favorevoli fid-19 ta' Frar, 2014;

2. Illi l-kontendenti zzewwgu fis-6 ta' Frar, 2001 fis-Siggiewi u mir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti twieldulhom l-minuri , D (imwieled it-23 ta' Lulju, 2004), E (imwieled is-27 ta' April, 2007) u F (imwieled l-24 ta' Settembru, 2008);

3. Illi l-imsemmi konvenut irrenda ruhu hati ta' adulterju, swat, sevizzi, mohqrija u inkompatibbilita' ta' karattru da parti tieghu b'rizultat li rrenda impossibbli l-hajja konjugali ta' bejniethom.

4. Illi l-konvenut mhux qed imantni lilu nnifsu u lil uliedhom kif inhu obbligat jaghmel skond il-ligi u hekk kif obbliga ruhu li jaghmel fl-atti tal-precitata medjazzjoni (Ittra numru 1334/13 BOB);

Ghaldaqstant, ighidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi u moghtija l-provvedimenti kollha opportuni:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *ad mensa et thoro* bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet gravi u impellenti imputabbli ghall-konvenut;

2. Tafda l-kura u l-kustodja ta' ulied il-kontendenti minuri Joshua, Isaac u Jeremi f'idejn l-attrici ghall-ahjar interess tal-minuri;

3. Tapplika kontra l-konvenut id-disposti kollha tal-artikolu 48 tal-Kodici Civili u tordna li l-konvenut iddekada mid-drittijiet hemm premessi u dana

minhabba r-ragunijiet gravi u impellenti u imputabbli unikament ghall-konvenut kif fuq premess;

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik ir-retta alimentarja ghall-attrici u ghal uliedhom minuri li tigi stabbilita minn din il-Qorti u b'dawk il-modalitaijiet li jigu hekk stabbiliti.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni bejn il-kontendenti jew min minnhom bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma u okkorrendo tinnomina nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumacja fuq l-att.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-proceduri tal-medjazzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-konvenut li eccepixxa:-

1. Illi l-konvenut jaqbel li tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet izda mhux ghal tortijiet imputabbli lilu stante li ghall-ksur irrimedjabbli taz-zwieg bejn il-kontendenti hija unikament responsabbli l-attrici li rrendiet ruhha hajta kontra l-konvenut zewgha ta' theddid, eccessi, sevizzi u minacci tant li rrendiet il-konvivenza matrimonjali impossibbli. Illi sussidjarjament iz-zwieg ta' bejn il-partijiet sfaxxa minhabba inkompatibbilita' ta' karattru.

2. Illi l-konvenut qed jopponi ghat-tieni talba u dan stante li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja tat-tlett ulied minuri D, E u F tibqa' kongunta bejn il-partijiet bi dritt ta' access ampju tal-intimat.

3. Illi t-tielet talba hija opposta stante li l-intimat ma huwiex hati ta' ksur taz-zwieg bejn il-kontendenti.

4. Illi l-esponent ma jopponix li jhallas manteniment ghat-tlett uliedu skond il-mezzi tieghu. Illi prezentement l-esponent ma jahdimx kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat Dokument FB1, Dokument FB2 u Dokument FB3. Il-konvenut qed jopponi ghat-talba tal-attrici li tigi akkordata manteniment ghaliha personalment u dan stante li hija kapaci tahdem u tmantni lilha nnifisha kif ukoll peress li hija hatja tal-ksur taz-zwieg bejn il-partijiet.

5. Hemm qbil li l-komunjoni tal-akkwisti tigi xolta u likwidata b'dan li ghandu jigi stabbilit data meta l-attrici ghandha tkun kunsidrata hatja tal-firda u li wara din id-data hekk stabbilita jigi ddikjarat li l-attrici tilfet kull jedd ghall-akkwisti li saru frott tal-hidma tal-konvenut. Illi ghandu ukoll jigi ddikjarat li d-djun li ghamlet l-attrici personalment minghajr awtorizzazzjoni tal-esponent ghandhom jibqghu a karigu tal-attrici.

6. Illi l-konvenut jopponi li jigi addebitat l-ispejjes tal-kawza.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**<u>FATTI</u>**

**<u>RESPONSABBILITA'</u>**

1. Il-partijiet izzewwgu fis-6 ta' Frar, 2011, wara li kienu ilhom ghaxar snin flimkien u kellhom tlett itfal qabel ma zzewwgu, D li ghandu 15-il sena, E li ghandu 12-il sena u F li ghandu 11-il sena.

2. L-attrici kienet impjegata ma' Selmun ghal cirka ghoxrin sena u kienet thallas il-loan tal-post li kienet xtrat u cioe' Blokk 1, Flat 1, Triq Dun Gorg Fenech, Qormi. Il-loan ghadu thallsu sal-gurnata ta' llum u thallas €200 fix-xahar. Wara li ghalqet il-lukanda baqghet ma sabitx xoghol u tiehu hsieb it-tfal taghhom. Tghid pero' peress li bintha minn relazzjoni ohra Chantelle, kienet tahdem kienet tghinha finanzjarjament.

3. L-introjtu tal-attrici jikkonsisti f'€500 beneficcji socjali kull erba' gimghat u €690 kull tlett xhur children's allowance. Tghid li wara hafna insistenzi kien jaghtiha €100 fix-xahar biex tkun tista' tixtri xi haga x'tiekol.

4. L-attrici tghid li tul z-zwieg, il-konvenut kien jixrob u kien hemm hafna drabi li kien jidhol fis-sakra. Kien isawwatha quddiem it-tfal u kienet gieli tkun mbengla, izda qatt ma rrapportatu. Dan kollu kien minhabba l-fatt li kienet iffirmat il-Visa tal-konvenut biex jibqa' hawn Malta. Kien anke ipejjep il-haxixa u dan setghet tikkonfermah hi bhal stat ta' fatt peress li kienet tpejjep hi ukoll u r-riha ma kinitx l-istess u kienet anke isib il-pakkett tal-haxixa. Bint l-attrici GH, ikkonfermat li kien ipejjep, izda ma kinux sigaretti.

5. L-attrici tikkonferma li l-konvenut ghamel zmien jahdem l-ST Micro Electronics, izda mbaghad l-imghallem kien keccih peress li kienu ggieldu.

6. Il-konvenut spicca gie zgumbrat mid-dar mill-Qorti Kriminali u dan wara li heddidha b' sikkina m'ghonqha u dakinhar kienet ghamlitlu rapport mal-pulizija u mill-proceduri spiccat li kien inharget protection

order. Il-konvenut xorta wahda kien baqa' jghajjarha u joffendiha u anke uliedhom kienu jibzghu minnu.

7. L-attrici tikkonferma li kienu ghamlu ftehim waqt il-medjazzjoni li l-manteniment *pendente lite* kellu jkun ta' €300 fix-xahar u jhallas nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha, izda ma kienx ihallashom fl-ebda mument.

   Fuq l-access il-konvenut kien jarah darbtejn fil-gimgha fl-Appogg. Meta mbaghad kien hemm darba li ried itella' lil kulhadd mieghu barra minn Malta ghax kienet mietet ommu, ma marx darbtejn l-Appogg biex jara l-minuri.

8. IH, bin l-attrici minn zwieg iehor, ighid li kellu tmien snin meta l-konvenut kien beda johrog m' ommu. Ghal bidu kien kollox sew, izda mbaghad meta l-konvenut kien beda jixrob, beda jsir aggressiv u vjolenti mal-attrici, kif ukoll mieghu jekk kemm-il darba kien imur jifridhom. Dan huwa kollu kkonfermat mill-attrici. Ix-xorb kien sar vizzju skond ix-xhud, tant li kien ikun hemm swat u glied regolari d-dar u t-tlett itfal li kellhom il-partijiet kien ikunu mwerwrin. Ikkonferma dak li qalet l-attrici, li mbaghad telaq mid-dar wara li gie arrestat mill-pulizija. Jisspecifika li hafna drabi l-glied kien ikun minhabba l-flus, ghax l-attrici kienet titolbu flus tax-xahar biex titma lill-familja u kien jibda jgorr.

   Ighid li l-konvenut kien jahdem mat-TGI Friday, f'Tas-Sliema, imbaghad kien ghamel zmien jahdem ghal rasu f'xoghol ta' kisi u tibjid.

   L-access ghat-tfal minuri kien imbaghad jigi ezercitat l-Appogg.

9. GH bint l-attrici ukoll minn zwieg iehor, tikkonferma l-verzjoni tal-attrici u ta' huha Lee ghal dak li jirrigwarda l-iswat. Izid ukoll li z-zwieg beda bil-problemi meta l-konvenut kien qabad il-vizzju tal-kaxxi tal-loghob, imbaghad minn hawn kien beda jixrob ukoll. Tikkonferma li kien hemm darbtejn zgur li kienet rat lill-konvenut isawwat lill-attrici.

   Bint l-attrici tghid ukoll li kienet tghin lill-attrici bil-finanzi u kienet taghtiha cirka €700 fix-xahar, biex tghinha anke b'hutha z-zghar, ulied il-konvenut, li ma jghaddilhomx manteniment. Tghid li meta jkun hemm bzonn huha Lee jghin fil-finanzi ukoll.

**IKKUNSIDRAT**

**<u>RESPONSABBILITA' TAL-FIRDA</u>**

**1. <u>Dwar Sevizzi  u Ingurji gravi</u>**

Ir-rikorrent talab separazzjoni minn ma' martu peress li jhoss li rrendiet ruhha hatja ta' eccessi, sevizzi u offizi gravi kif ukoll vjolenza. L-istess il-konvenuta fil-kontro-talba taghha talbet is-separazzjoni minn ma' zewgha l-attur peress li rrenda ruhu hati ta' sevizzi, ingurji gravi, eccessi u theddid.

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Ir-rikorrenti ghamlet ukoll referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit

illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-attrici ressqet provi biex turi li l-htija tas-separazzjoni kienet biss tal-konvenut minhabba li kellu l-vizzju tax-xorb u kien isir vjolenti u aggressiv u din it-tip ta' hajja damet sejra ghal zmien twil. Din il-verzjoni hija kkonfermata minn ulied l-attrici, li twieldu minn zwieg iehor. Il-konvenut baqa' ma pproduca ebda provi u ghalhekk il-verzjoni attrici mhix kontradetta.

Ghalhekk, jirrizulta inekwivokabbilment li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' swat, sevizzi, eccessi u mohqrija. Dwar l-adulterju, ma ngabu ebda provi.

**<u>KURA U KUSTODJA/ ACCESS</u>**

Il-kura u kustodja minn dejjem kienet f'idejn l-attrici u l-konvenut ma jidhirx li huwa persuna responsabbli bizzejjed biex irabbi lil uliedhu. Ghalhekk huwa fl-ahjar interessi taghhom li jibqghu fil-kura u kustodja tal-attrici.

Kien hemm zmien meta l-access kien qed isir fl-Agenzija Appogg, izda mbaghad b'digriet tal-1 ta' Frar, 2017 l-access supervizjonat twaqqaf. Jidher li kien hemm zvilluppi, tant li l-genituri kienu aktar jikkomunikaw u jiftiehmu dwar l-access tal-minuri.

Fuq parir tal-Agenzija Appogg kien gie rrakkomandat li l-access jigi ezercitat minghajr supervizjoni darbtejn fost il-gimgha ghal tlett sieghat u darba gurnata s-Sibt jew il-Hadd.

Ma jidhirx li saret opposizzjoni da parti tal-kontendenti u tikkonferma dan l-access bil-hinjiet ghal matul il-gimgha bejn l-4.00 pm u s-7.00 pm u fil-weekend mid-9.00 am sas-6.00 pm.

**MANTENIMENT**

L-artikolu 3 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla illi:-

***"Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu hekk jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja."***

Minkejja li ngabu provi li l-konvenut kien jahdem mal TGI Friday u anke mal-ST. Micro Electronics, ma ngabux aktar provi jekk effettivament, il-konvenut prezentement ghandux impjieg. Jidher pero' li kien hemm ftehim matul il-proceduri tal-medjazzjoni fejn kellu jhallas manteniment fis-somma ta' €300 fix-xahar ghall-minuri, kif ukoll kien obbligat ihallas nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

Il-Qorti rrispettivament mill-fatt, li anke jekk il-konvenut huwa disokkupat, ugwalment ghandu l-obbligi tieghu li jikkontribwixxi ghall-alimenti tal-minuri, aktar u aktar meta l-attrici llum m'ghandhiex impjieg u ghaldaqstant il-Qorti se tikkonferma li ghandu jhallas is-somma ta' €300 ghall-uliedhu, flimkien ma' nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

**DEKADENZA**

In vista tal-fatt li l-Qorti wasslet biex iddecidiet li z-zwieg tfarrak irrimedjabilment minhabba htija tal-konvenut, izda mhux minhabba adulterju jew abbandun, l-applikazzjoni taht id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili mhux applikabbli.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Mir-rizultanzi processwali ma jirrizultawx assi formanti parti mill-komunjoni akkwisti. L-attrici xtrat post f'Hal Qormi u cioe' Block, Flat 1, Triq Dun Gorg Fenech, Qormi qabel iz-zwieg u ghadha qed thallas il-loan, izda din hija proprjeta' parafernali ghall-attrici.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba ghar-ragunijiet gravi u impellenti imputabbli ghall-konvenut;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiffissa l-granet u l-hinijiet tal-access, skond kif deciza aktar 'l fuq.

3. Tichad it-tielet talba ghar-ragunijiet fuq premessi;

4. Tilqa’ r-raba’ talba u tiffissa retta alimentari fl-ammont ta’ €300 li ghandha tithallas mill-konvenut ghat-tlett minuri D, E u F, flimkien ma’ nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

5. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta’ dina t-talba stante li ma rrizultaw l-ebda assi tal-komunjoni tal-akkwisti.

L-ispejjez ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Onor. Anthony Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**